MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1280/1997/1

**Lorraine Friggieri mart Boris Dimitrov**

**vs**

**Boris Dimitrov**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-sitta (6) ta’ Jannar tas-sena elf, disa’ mija u tlieta u disghin (1993) gie ccelebrat fir-Registru taz-Zwigijiet f’Malta iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut, li hu ta’ cittadinanza Bulgara;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel li twieled fis-17 ta’ Awissu 1996 li jismu Borislav Dimitrov;

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attrici nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi peress ukoll li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, *stante* li zzewweg lill-attrici sabiex ikun jista' jgawdi d-drittijiet soliti moghtija lic-cittadini ta' Malta;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-artikoli (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tasl-1975 (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-attrici harget Mandat ta' Impediment ta' Partenza sabiex jigi inibit li l-minuri Borislav Dimitrov ikun jista' jittiehed l'hinn mill-pajjiz.

Illi l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta, fis-6 ta' Jannar tal-1993 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

2. In segwitu tiddikjara li l-attrici kienet *in buona fede* u jibqa' impregudikat id-dritt taghha ghall-manteniment skond il-ligi.

3. Taffida l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Borislav Dimitrov lill-attrici salv kull provvediment fl-ahjar interess tieghu, kif ukoll testendi l-effetti tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar mahrug fil- definittivament.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar fuq imsemmi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 4 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 1999 u tal-24 ta' Marzu 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Boris Dimitrov tat-8 t'April 1999 a fol 12 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti huwa zwieg validu kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 12 u 13 tal-process;

Rat il-verbali tat-28 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Audrey Demicoli bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata dwar dan il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Ottubru 1999, tal-5 ta' April 2000, tat-23 ta' Mejju 2000, tal-24 ta' Novembru 2000, tat-13 ta' Frar 2001, tal-5 ta' Marzu 2001, tas-17 ta' Settembru 2001, tat-2 ta' Novembru 2001, tas-7 ta' Jannar 2002, tat-18 ta' Frar 2002, tat-12 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-5 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa w awtorizzat lill-Perit Legali biex tirredigi r-rapport.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Dr Audrey Demicoli, il-provi hemm migbura, x-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti (fol 36 sa 84).

Rat il-verbali tal-1 t'Ottubru 2002, tal-21 ta' Novembru 2002 fejn il-Perit Legali Dr Audrey Demicoli halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-13 ta' Frar 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Audrey Demicoli (fol 88 sa 99).

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 2003 fejn Dr Edwina Grima ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport, Dr Rachelle Loporto Montebello ghall-konvenut giet imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal tat-12 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI MIGBURA.

Illi **l-attrici** xehdet fis-seduti tad-19 ta’ Novembru 1999 u tad-19 ta’ Settembru 2000 kif ukoll permezz ta’ affidavit dettaljat u estensiv. L-attrici spjegat illi hija ltaqghet mal-konvenut, li huwa ta’ nazzjonalita` Bulgara, meta kellha dsatax-il sena u l-istess konvenut kellu tnejn u ghoxrin sena. Huwa kien jghix Malta bla permess u f’Settembru tal-1992, tlett xhur wara li l-attrici saret tafu, l-konvenut gie deportat minn Malta, izda huwa rritorna wara gimgha. Meta gie lura l-attrici offriet li tghinu sabiex jibqa’ Malta u kien f’’dan il-perjodu li huma bdew jiffrekwentaw lil xulxin bhala namrati. Il-konvenut applika ghal *‘extension of visa’* u fuq l-applikazzjoni relattiva tnizzel li huwa kellu tfajla Malta, l-attrici halsitlu mitejn lira Maltin bhala garanzija peress li f’dak il-perjodu huwa ma kienx qed jahdem.

Illi l-attrici tghid ukoll li f’Dicembru tal-1992 l-konvenut proponielha biex tizzewgu. Hija qalet ukoll li fil-perjodu bejn Settembru u Dicembru 1992 l-affarijiet kienu sejrin tajjeb hafna bejniethom, ghalkemm kienu jikkomunikaw ma xulxin bi ftit Ingliz *stante* li l-konvenut ma tantx kien jaf jitkellem bl-Ingliz. Skond l-attrici f’dan iz-zmien il-konvenut kien bniedem kwiet “*dejjem mieghi u kien jirrispettani hafna*”. Il-familjari tal-attrici ma hadux gost b’din il-proposta taz-zwieg u missierha kien qalilha li l-konvenut ried juzaha u ddefinih bhala *‘lupu mlibbes ta’ naghga’*. L-attrici spjegat li hija ddecidiet li tizzewweg lill-konvenut fi stadju daqshekk bikri tar-relazzjoni taghhom minhabba l-problemi li huwa kellu biex joqghod Malta, minhabba li ma setghatx tkompli tghinu finanzjarjament u anki peress li huwa kien jirrispettaha u ma kellhiex raguni tiddubita minnu. Il-partijiet izzewgu fi-6 ta’ Jannar 1993 b’rit civili biss, peress li l-genituri tal-attrici hassew li ma kienux lesti ghaz-zwieg, u marru jghixu f’appartament mikri f’Paceville. Kwazi immedjatament malli marru jghixu f’dan l-appartament il-konvenut gab habib tieghu, certu Jason, jghix maghhom.

Illi l-attrici tispjega li qabel iz-zwieg hija u l-konvenut qatt ma kellhom x’jaqmu flimkien sesswalment u din is-sitwazzjoni kompliet sa xahar wara li zzewgu. Meta l-attrici kkonfrontat lill-konvenut, bdew jiggieldu u huwa qalilha *“it’s my problem”* u refa’ jdejh fuqha. F’dan il-perjodu l-konvenut kien qed jirritorna d-dar xurban u l-attrici skopriet li kien qed johrog wara x-xoghol minflok jirritorna mmedjatament id-dar. Hija qalet li qabel ma zzewgu qatt ma kienet innutat li l-konvenut kellu problema bix-xorb, fil-fatt huwa kien jiehu *‘drink’* biss okkazjonalment bhala forma ta’ socjalizzar. Jumejn wara l-glieda msemmija, il-konvenut informa lill-attrici li huwa kien sejjer ghal jumejn il-Bulgarija izda mbaghad baqa’ hemm ghal aktar zmien, u meta hija kienet iccempillu u tistaqsieh meta ser jirritorna, huwa kien ikun pjuttost evasiv u meta l-attrici qaltlu li kienet ser tiehu passi sabiex tannulla z-zwieg jekk ma kienx ser jigi lura, huwa heddidha li jekk taghmel hekk kien ser jibghat il-Mafia Russa biex joqtluha. Eventwalment huwa rritorna lura wara tlett gimghat.

Illi fl-affidavit taghha, l-attrici tispjega fid-dettall dak kollu li gara fl-erba’ snin tal-hajja mizzewga, u cioe` mid-data taz-zwieg sakemm giet intavolata l-kawza odjerna. Minn dak li tghid l-attrici jirrizulta li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien ghal perjodi twal fis-sens li l-attrici telqet lill-konvenut diversi drabi tul dawn l-erba’ snin u marret tghix mal-familjari taghha jew mal-hbieb. Huma qatt ma kellhom dar matrimonjali u fil-perjodu li ghexu flimkien huma kienu joqoghdu f’appartamenti mikrijin, hafna drabi flimkien ma’ hbieb irgiel tal-konvenut. L-attrici tghid li l-konvenut baqa’ johrog wahdu, jdum barra, jixrob hafna w isawwatha. Huwa kien jahdem saltwarjament u iberbaq dak kollu li jirnexxielu jaqla’. Inoltre huwa gieli kien jifrekwenta nisa ohra u darba huwa qal lill-attrici li ghalkemm kien izzewwigha, ma kellux intenzjoni li jkun fidil lejha peress li, skond hu, l-irgiel jizzewgu izda m’ghandhom ebda obbligu jkunu fidili lejn il-mara taghhom u ghandhom id-dritt ikollhom x’jaqsmu ma’ nisa ohra. L-attrici kienet harget tqila wara ftit xhur izda sussegwentement hija tilfet it-tarbija. Hija tghid li l-konvenut kien refa’ jdejh fuqha anki meta kienet tqila.

Illi l-attrici xehdet li l-konvenut kien dejjem ifittixha hu sabiex jergghu lura flimkien u tghid li meta gie koncepit it-tifel li twieled minn dan iz-zwieg, huma ma kienux flimkien izda l-konvenut ingannaha sabiex tmur mieghu ghaliex riedha tohrog tqila. Hija tghid ukoll li l-hajja sesswali taghhom dejjem kienet wahda saltwarja fis-sens li l-konvenut rarament kien ifittixha u hija ssostni li huwa mhux talli ma kienx ihobbha izda l-anqas biss kien atratt lejha fizikament. L-attrici saret taf ir-raguni ghaliex il-konvenut ma kellux x'jaqsam maghha fl-ewwel xhur tar-relazzjoni taghhom biss hafna zmien wara, u dan tramite *'social worker'* Joseph Scerri, (Dok. "EG1"). Il-konvenut kien qal lil dan is-*'social worker'* li huwa kellu x'jaqsam ma' mara Bulgara fil-perjodu meta kien deportat u li din il-mara kienet ikkontaggjatu b'marda li ma xtaqx jitrasmetti lill-attrici.

Illi l-attrici tirritjeni li l-konvenut izzewwigha semplicement sabiex ikollu permess ikompli jghix Malta. Hija fil-fatt tghid hekk *"nikkonkludi li kieku dak iz-zmien kont naf x'qed jigri madwari, jiena kont ninduna li Boris izzewwigni semplicement sabiex ikollu l-permess jghix Malta"*. Hija tiddeskrivi ncident fejn habib ta' zewgha, certu Max, kien staqsiha kunjomha u meta hija rrispondiet Dimitrov, huwa beda jidhaq u qalilha "*No, your surname is work permit".* Hija tghid ukoll li l-konvenut kien qalilha quddiem in-nies "*You are the only stupid …….. I found to marry for the permit".* L-attrici spjegat ukoll li l-konvenut kien talabha ccedi l-kawza odjerna sakemm igib ic-cittadinanza Maltija u mbaghad terga' tiproponiha. Dan ghamlu meta skopra li huwa kien ser jitlef il-*'freedom of movement'* fl-eventwalita` li martu tottjeni l-annullament taz-zwieg taghhom.

Illi **Joseph Friggieri**, missier l-attrici, xehed li malli l-konvenut qallu li ried jizzewweg lil bintu malajr, huwa mill-ewwel irrispondih li kien qed juzaha sabiex jotjeni l-permess jghix Malta. Huwa spjega wkoll li wara z-zwieg il-partijiet kien ikollhom hafna argumenti, li l-konvenut kien gej u sejjer il-Bulgarja a spejjez tal-attrici, li qatt ma kellu xoghol fiss, li qatt ma prova jibni familja u li kull ma kien jinteressah kien li jixrob u jberbaq il-flus. Dan ix-xhud

jghid li wara certu zmien it-tifla fethet qalbha mieghu u qaltlu li zewgha kien jerfa' jdejh fuqha. Missier l-attrici jghid ukoll li l-konvenut qal lill-attrici li jekk iccedi l-kawza kien ser jghinha fl-ispejjez tal-iskola tat-tifel u li prezentement il-konvenut qed ikun kontinwament fil-kumpanija ta' ragel omosesswali.

Illi **Anton Vella**, li xehed bil-procedura tal-affidavit, jghid li huwa sar jaf lill-attrici fil-perjodu meta hija ltaqghet mal-konvenut u li huwa kien issostitwiha fil-hanut tal-i*stationery* fejn hija kienet tahdem meta zzewget. Huwa jaghmel riferenza ghal okkazjoni fejn ftit wara li zzewget, l-attrici kienet cemplitlu u talbitu jissostitwiha fil-hanut ghaliex hija ma setghatx tmur ghax-xoghol peress li zewgha kien sawwatha. Huwa kien inqata' minn mal-attrici meta waqfet tahdem il-hanut izda xi ftit taz-zmien wara kien iltaqa' maghha u hija nfurmatu li ma kienetx ghadha ma l-konvenut. Dan ix-xhud jispjega li huwa kien jitlef kuntatt mal-attrici kull darba li hija kienet tirranga ma' zewgha. Huwa jiddeskrivi incident fejn kien passiggier fil-vettura tal-attrici meta ltaqghu mal-konvenut fit-triq u waqfulu. Meta dan tal-ahhar tela' fil-vettura beda jiggieled mal-attrici, prova jiehu c-cwievet tal-karozza u qalilha *'you were the only stupid ……. I found to marry for the permit".*

Illi **Christine Mifsud** xehdet li hija ilha taf lill-attrici sa minn meta kellha erbatax-il sena. Hija tghid li nqatghet minn mal-attrici meta din tal-ahhar bdiet tifrekwenta lill-konvenut, izda huma regghu iltaqghu ftit wara li l-attrici zzewget. Din ix-xhud tghid li kien hemm zmien fejn l-attrici kienet tahdem maghha St George's Park u fejn din tal-ahhar kienet tiftah qalbha maghha dwar il-problemi fiz-zwieg u dwar il-fatt li r-ragel kien isawwatha u tghid ukoll li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn hija rat sinjali ta' swat fuq l-attrici. Din ix-xhud taghmel riferenza ghal incident fejn hija rritornat lura d-dar tard bil-lejl u sabet lill-attrici tistenniha barra l-appartament , wahidha fil-karozza u tibki. Hija kienet tqila u qaltilha li r-ragel kien kecciha mid-dar. L-attrici ghalhekk qaghdet ghandha. Christine Mifsud tghid li hija kienet rat lill-konvenut ma' tfajla ohra Paceville u dan kien xi ftit taz-zmien qabel l-attrici harget tqila.

Illi **Stephen Falzon**, impjegat fis-*'Citizenship Office'*, jghid li mill-*file* relattiv jirrizulta li fit-28 ta' Jannar 1993 il-partijiet kienu mlew *'enquiry form'* u li fit-23 ta' Marzu 1993 il-konvenut inghata permess sabiex joqghod u jahdem Malta skond il-ligijiet tal-Imigrazzjoni. In forza taz-zwieg tieghu mal-attrici l-konvenut akkwista l-*'Exempt Person Status' ai termini* tal-**artikolu 4(1) (g) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid dan ix-xhud.

Illi l-**Ispettur Neville Xuereb** li huwa stazzjonat l-*Immigration*, xehed li fit-22 ta' Settembru 1992 l-konvenut gie deportat minn Malta wara li tressaq il-Qorti fuq akkuza li kien Malta bla permess.

## (B) <u>IL-KAWZA ODJERNA.</u>

Illi l-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat fis-6 ta' Jannar 1993 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenut min-naha l-ohra fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu jsostni li dan iz-zwieg huwa wiehed validu. Kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali, l-konvenut naqas milli jressaq provi dwar il-validita` taz-zwieg jew provi ntizi sabiex jirribattu dawk imressqa mill-attrici. Illi jidher li l-konvenut ghalkemm inghata diversi opportunijiet ma ressaq ebda provi sakemm il-provi gew dikjarati maghluqa minn din il-Qorti. Il-partijiet ukoll *nonostante* li nghataw l-opportunita` li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, naqqsu li jaghmlu dan fit-terminu lilhom rispettivament moghti.

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hija jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici ghall-konvenjenza, u cioe` semplicement sabiex ikun jista' jkompli jghix Malta bla problemi ghaliex ikun ottjena l-'*exempt person status'*, jew inkella zzewwigx sabiex jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha tal-hajja mizzewga.

Illi l-Qorti jidrilha, u hawn taqbel perfettament mal-perit legali Dr. Audrey Demicoli, li mill-assjem tal-provi rrizulta

inekwivokabilment li l-konvenut izzewweg lill-attrici semlicement sabiex ikun jista’ jottjeni l-imsemmi ‘*exempt person status’*. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg, kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali kollha jindikaw minghajr ombra ta’ dubju li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, il-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jkollu l-‘*freedom of movement’* u konsegwentement li jkompli jghix u jahdem hawn Malta minghajr il-problemi li kellu meta gie deportat f’Settembru tal-1992, u xejn aktar.

Illi fil-fatt l-ezigenza tieghu li jizzewweg daqshekk malajr, u cioe` biss wara tlett (3) xhur li beda jinnamra mal-attrici, il-mod kif huwa nganna lill-attrici dwar il-karattru tieghu qabel iz-zwieg u l-mod kif inbidel kompletament fl-atteggjament tieghu lejha immedjatament wara z-zwieg, jindikaw bic-car li l-ghan ewlieni tal-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kien li jottjeni l-‘*freedom of movement’*.

Illi fil-fatt il-konvenut mhux talli ddikjara u stqarr li din kienet l-unika raguni, u hawnekk il-Qorti qed taghmel referenza ghal dak li huwa qal lill-attrici, (u gie sottolineat mill-perit legali diversi drabi) – *“You were the only stupid …….. I found to marry me for the permit”*- u ghal fatt li huwa prova jikkonvinciha ccedi l-kawza odjerna sakemm jottjeni c-cittadinanza Maltija, izda l-agir tieghu tul iz-zwieg, bhal fatt li huwa dejjem baqa’ jghix hajja ta’ guvni, johrog u jisker regolarment mal-hbieb, addirittura kompla jghix mal-hbieb wara z-zwieg fis-sens li hu u l-attrici fil-perjodi qosra u fragmentati li ghamlu jghixu flimkien dejjem ghexu ma’ hbieb tal-konvenut u rarament wehidhom, in-nuqqas ta’ interess fl-attrici sesswalment, kif ukoll in-nuqqas ta’ rispett tieghu lejha u l-mod kif huwa nbidel mill-lejl ghan-nar immedjatament wara z-zwieg, huma provi skjaccanti li l-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kien qed jeskludi mhux biss certu elementi essenzjali taz-zwieg, izda addirittura z-zwieg innifsu.

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici pruvat fuq bilanc ta’ probabilitajiet li r-raguni dominanti li ghaliha l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikompli jghix Malta

minghajr problemi, u xejn aktar, u mhux sabiex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi tal-10 ta' Ottubru, 1995, u tas-16 ta' Jannar, 1998, fil-kawzi fl-ismijiet '**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**' u fil-kawza '**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk'** u cioe` *"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero` tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament".*

*"Fi kliem il-gurista* ***Castano:***

*'… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone? Puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente'.*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabbilta`, li kien hemm l-eskluzjoni posittiva msemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet "**Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed**" (Citaz. Numru 171/95 VDG), din l-Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe` diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico …." (***Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci** (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici pruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawza civili li r-raguni predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, il-ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista' jottjeni l-'*exempt person status*" u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg.

Illi l-istess perit legali kkonkludiet *"l-esponenti jidrilha li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' li ghal dawn il-motivi, t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-23 ta' Lulju, 1998, huwa null u bla effett ai termini tal-**artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta"**.*

Illi din il-Qorti thoss pero` li ghall-istess fatti fuq esposti hemm bazi ta' annullament taz-zwieg anke skond id-

disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u dan peress li l-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jizzewweg lill-attrici bl-iskop li jkun jista' jibqa' jghix hawn Malta, u dan maghdud mal-provi l-ohra li jindikaw li l-konvenut qatt ma kellu hsieb li jagixxi verament bhala ragel mizzewweg, u in effetti baqa' jghix ta' guvni, johrog mal-hbieb, jibdel lill-attrici u sahhanistra jahqar lill-attrici, iwasslu lil din il-Qorti sabiex fl-istess hin tiddikjara li kien hemm vizzju ta' kunens *da parte* tal-konvenut, peress nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet minnha naxxenti.

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs. Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua."** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dwar it-tieni talba attrici din wkoll ghandha tigi milqugha *stante* li n-nullita` taz-zwieg qed tigi hawn dikjarata ghar-ragunijiet imputtabbli lill-konvenut.

Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi wkoll milqugha, b'dan li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici u b'dan li l-konvenut huwa inibit milli johrog l-istess minuri barra minn dan il-pajjiz.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta, fis-6 ta’ Jannar tal-1993 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

2 In segwitu tiddikjara li l-attrici kienet *in buona fede* b’dan li jibqa’ impregudikat id-dritt taghha ghall-manteniment skond il-ligi.

3 Taffida l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Borislav Dimitrov lill-attrici, b’dan li l-istess konvenut huwa inibit milli jiehu jew johrog lill-istess minuri minn dawn il-Gzejjer u dan kollox fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Impediment tas-Safar fl-ismijiet premessi kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------